MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2007

Numru. 1282/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa`)**
**vs**

**Leandro Gravina ta’ 19 il-sena, bin Angelo u Mary Grace nee’ Schembri, imwieled Pieta` fil-15 ta’ Marzu, 1998, residenti fi 32, Triq Toni Zahra, Zejtun, u detentur ta’ karta ta’ l-identita` bin-numru 140288(M).**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra kontra l-imputat Leandro Gravina u cioe’ talli f’dawn il-Gzejjer, f’xi perjodu bejn Gunju 2006 u Lulju 2006, xjentament ghamilt uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falza;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkustanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor

f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentament ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifika foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ghad-dannu ta’ l-Awtorita’ Dwar it-Trasport ta’ Malta (ADT).

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat u dan anke wara li l-Qorti tghatu zmien sabiex jirrikunsidra l-istess.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni mghamulha mill-imputat l-Qort ma tistax hlief issibu hati ta’ l-akkuzi migjuba kontrea tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u jidher li

ddispjacih ta’ l-akkadut. Inoltre l-imputat ghanu fedina penali netta.

Ghaldaqstant il-Qorti wara qeghda taqta’ u tiddeciedi, wara li rat ll-artikoli 184, 188, 189, 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni mghamula mill-imputat, issibu hati ta’ l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta’ liberazzjoni kudizzjonata.

Il-Qorti finalment qed tordna l-konfiska tal-licenzja esebita bhala dokument AG6.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------